2. Filwaqt li ġġib a formali konjizzjoni tiegħek il-fatt li fil-ġurnata tal-15 ta' Frar, 2016, inti kont tinsab moruż fil-pagamenti ta' self lilek mogħti, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Melanie Darmanin, datat il-21 ta' Marzu, 2013, fl-ammont ta' €2,668.22 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas din is-somma. Inoltre, is-soċjetà esponenti tinfurmak illi din is-somma ta' arretrati tiżdied b'€94.30 fix-xahar wara dik id-data.

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni, u għalhekk hija rikjesta mil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against David Muscat (ID 218594M) of St Anthony, Blk B, Flat 1, Triq is-Sgħajtar, Mosta, on the 26th February, 2016, HSBC Bank Malta plc (C 3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta:

1. Brings to your formal notice the fact that on the day of the 15th February, 2016, you were in delay of payment on the loan given to you in the acts of Notary Dr Anne Marie Tonna, dated 22nd March, 2011, in the amount of €10,631.24 and so the interpellant bank solicits you so that within two days you pay this sum. The interpellant bank informs you also that this sum of arrears has to be added with €498.62 a month after that date; and

2. Whilst it brings to your formal notice the fact that on the day of the 15th February, 2016, you were in delay of payment on the loan given to you in the acts of Notary Dr Melanie Darmanin, dated 21st March, 2013, in the amount of €2,668.22 and so the interpellant bank is soliciting you so that within two days you pay this amount. The interpellant bank informs you that the sum of arrears has to be added with €94.30 a month after that date.

Informs you that if you fail to pay all the arrears within fifteen days from the day of notification of this letter, the whole balance will be due all at once.

This judicial letter serves to interupt prescription, and so it is required by law in terms of Article 2128 of the Code of Civil Procedure (Cap. 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may be guided accordingly

With Costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

469

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Awwissu, 2016, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3258/2014, fl-ismijiet Direttur tas-Sigurtà Soċjali vs Carla Fulton, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta'

It is hereby being notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree of the 11th August, 2016, in the records of the judicial letter number 3258/2014, in the names Director of the Social Security vs Carla Fulton, ordered the

notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum it-2 ta' Ottubru, 2014

Lil Carla Fulton (KI 27426A) ta' 01, Pilot, Flt 6A, Triq Gammari Camilleri, L-Imġarr, Malta

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali ta' 38, Triq l-Ordinaza, Il-Belt Valletta VLT 2000, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa min-notifika ta' dan l-att tħallas lill-mittenti s-somma €947.16 li tħallsu lilek indebitament bħala għajnuna soċjali fil-perjodu bejn il-5 ta' Ġunju, 2004, u l-10 ta' Settembru, 2004, u dan stante li nqast milli tinforma lid-Dipartiment li matul l-istess perjodu ma kontx għadek intitolata għal tali benefiċċju u dan kif kont obbligata li tagħmel skont il-liġi.

Jekk ma tħallasx dan l-ammont fiż-żmien stipulat se jittieħdu passi legali ulterjuri kontra tiegħek.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

following publication for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 2nd October, 2014

To Carla Fulton (ID 27426A) of 01, Pilot, Flt 6A, Triq Gammari Camilleri, Mgarr, Malta

By means of this present judicial letter the Director of the Social Security of 38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 2000, calls upon you so that within one week from the notification of this act you pay the interpellant the sum of €947.16 that were unduly paid to you as social assistance for the period from the 5th June, 2004, to the 10th September, 2004, and this because you failed to inform the Department that within this period you were not entitled to such benefit as you were obliged to do according to law.

If you fail to pay this amount within the stipulated time further legal procedures will be taken against you.

So much of your own guidance

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

470

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-20 ta' Frar, 2017, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Mallia Emmanuel vs Chetcuti Francis, Rikors numru 1105/16 MH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Francis Chetcuti, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti, fil-5 ta' Diċembru, 2016, ir-rikorrenti Emmanuel Mallia (KI 433444M) talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna l-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt elef ħames mija u sitt ewro (€6,506) rappreżentanti bilanċ dovut import ta' kambjala aċċettata u ffirmata mill-intimat maħruġ fil-15 ta' Ġunju, 2012, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 20th February, 2017, in the records of the Sworn Application in the names Mallia Emmanuel vs Chetcuti Francis, Application number 1105/16 MH, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Francis Chetcuti, in terms of Article 187(3) et seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti, on the 5th December, 2016, the applicant Emmanuel Mallia (ID 433444M) asked this Honourable Court to condemn the respondent to pay the applicant the sum of six thousand five hundred and six euro (€6,506) representing balance due value of a bill of exchange accepted and signed, issued on the 15 th June, 2012, and this under those provisions it deems fit and opportune.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-kambjala intimat inġunt in subizzjoni.

Notifika Intimat: Franwin, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Mallia Emmanuel vs Chetcuti Francis, Rikors numru 1105/16 MH, ġie differit għas-smigħ għad-29 ta' Marzu, 2017, fid- 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-17 ta' Marzu, 2017

AV. FRANK PORTELLI LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interest from the date of maturity of the bill of exchange the respondent is summoned so that a reference to his vidence be made.

Notify Respondent: Franwin, St Mary Street, Ħal Tarxien

The Sworn Application in the names Mallia Emmanuel vs Chetcuti Francis Application number 1105/16 MH, was deferred for hearing to the 29th March 2017, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 17th March, 2017

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

471

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-13 ta' Marzu, 2017, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Abdilla Gaetano et vs L-Ghajn Construction Company Limited, Rikors Ġuramentat numru 160/17 SM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata L-Ghajn Construction Company Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Gaetano Abdilla u martu Margaret Abdilla vs L-Ghajn Construction Company Limited, fl-20 ta' Frar, 2017, ir-rikorrenti Gaetano Abdilla (255M) u martu Margaret Abdilla (1057M) talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-appartamenti bin-numru wieħed (1) u tlieta (3) fil-blokk bla numru u bla isem, fi Triq in-Nadur, Marsaskala, proprejtà tar-rikorrenti jgawdu kull wieħed id-dritt ta' nxir ta' ħwejjeġ fuq il-bejt tal-istess blokk, liema servitù tibqa' in vigore jekk u meta tiġi żviluppata l-arja tal-istess, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà konvenuta li tibqa' ngunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Gaetano Abdilla et, 'Margate', Triq il-Kuċċard, Ħal Safi

Konvenuta: L-Ghajn Construction Company Limited, 'Filati', Triq San Tumas, Ħal Luqa; jew L & A Camilleri, Triq San Tumas, Ħal Luqa

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Abdilla Gaetano et vs L-Ghajn Construction Company Limited, rikors numru

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 13th March, 2017, in the records of the Sworn Application, in the names Abdilla Gaetano et vs L-Ghajn Construction Company Limited, Sworn Application number 160/17 SM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant company L-Ghajn Construction Company Limited, in terms of Article 187 (3) et seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Gaetano abdilla and his wife Margaret Abdilla vs L-Ghajn Construction Company Limited, on the 20th February, 2017, the applicant Gaetano Abdilla (255M) and his wife Margaret Abdilla (1057M) respectfully asked this Honourable Court,

1. To declare and decide that the apartment with number one (1) and number thee (3) in the block without number and without name, in Triq in-Nadur, Marsaskala, property of the applicant each enjoy the right to hang clothes on the roof of the same block, which servitude shall remain in force if and when the airspace of the same is developed and uphold the other demands in the application.

With costs against the same defendant company, summoned so that a reference to its evidence be made.

Applicant: Gaetano Abdilla et, 'Margate', Triq il-Kuċċard, Ħal Safi

Defendant: L-Ghajn Construction Company Limited, 'Filati', Triq San Tumas, Ħal-Luqa; or L& A Camilleri, Triq San Tumas, Ħal Luqa

The Sworn Application in the names Abdilla Gaetano et vs L-Ghajn Construction Company Limited, application

160/17 SM, jinsab differit għas-smigħ għall-Erbgħa, id-29 ta' Marzu, 2017, fid- 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-17 ta' Marzu, 2017

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

number 160/17 SM, has been deferred for hearing to Wednesday, 29th March, 2017, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 17th March, 2017

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

472

DKR 45/2017 - IFFRIŻAR TAL-ASSI

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Marzu, 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Aaron Bugeja, LLD) Kumpilazzjoni numru 596/2016 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Sean Scicluna)

Kontra

Raymond Scerri, ta' 57 sena, skrivan, bin il-mejjet Carmel magħruf bħala Charles u Dolores magħrufa bħala Doreen xebba Cutugno, imwieled il-Furjana, Malta, fil-25 ta' Awwissu, 1960, residenti fil-fond Dejanue, Flat 1, Triq Mikiel Calleja, Ħal Tarxien, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 605960(M).

Ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Raymond Scerri jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sal-ammont ta' sitt elef sitt mija u tlieta u sebgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€6673.18).

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

DKR 45/2017 – NEW FREEZING ORDER

It is being notified that by a decree dated 13th March, 2017 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Aaron Bugeja, LLD) Compilation number 596/2016 in the case:

The Police
(Inspector Sean Scicluna)

Versus

Raymond Scerri, 57 years, clerk, son of the late Carmel k/a Charles and Dolores k/a Doreen née Cutugno, born in Floriana Malta on the 25th August 1960, residing at Dejanue, Flat 1,Triq Mikiel Calleja, Ħal Tarxien, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 605960(M).

Ordered the attachment in the hands of third parties in general all monies and other movable property due or pertaining or belonging to Raymond Scerri and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Article 5 of Cap. 373 of the Money Laundering Act of the Laws of Malta and of Article 23A (2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta and this to the amount of six thousand six hundred and seventy-three euro and eighteen cents (€6673.18).

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illum, is-17 ta' Marzu, 2017

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip. Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LLB, LLD
Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

Today, 17th March, 2017

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip. Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LLB, LLD
Assistant Registrar, Criminal Courts and Tribunals

473

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Ottubru, 2016, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2390/16, fl-ismijiet Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma vs Carmelo Grima, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Carmelo Grima (KI 398752M) ta' Riviera, Triq il-Brigadier J. Adye, In-Naxxar NXR 4433, fl-20 ta' Settembru, 2016, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma ta' Millenia Complex, Level 2, Triq Aldo Moro Road, Il-Marsa, għall-fini tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata Dokument A u jinterpellak sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem tħallas is-somma ta' €3,868.43 dovuta minnek bħala likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti ħlas ta' arretrati ta' drittijiet tal-liċenzja SP 1421 fil-fond Riviera, Triq il-Brigadier J. Adye, In-Naxxar NXR 4433, mis-sena 2002 sas-sena 2016, u ta' penali għal pagament tardiv rigward l-istess *ai termini* tal-Kap. 244 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-leġlazzjoni sussidjarja 545.07.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew ta' oppożizzjoni daparti tiegħek skont l-imsemmi artikolu 466, ir-Regolatur esponenti jgħaddi għal ħrug ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skont il-liġi.

Bl-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 20th October, 2016, delivered by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2390/16 in the names Regulator for Energy and Water Services vs Carmelo Grima, it was ordered that the following publication serves as service on the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Carmelo Grima (ID 398752M) of Riviera, Triq il-Brigadier J. Adye, Naxxar NXR 4433, on the 20th September, 2016, Regulator for Energy and Water Services of Millenia Complex , Level 2, Triq Aldo Moro, Marsa, for the purposes of article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A and calls upon you so that within ten (10) days you pay the sum of €3,868.43, which amount is due by you as a final and conclusive liquidation for payment of arrears for licence rights bearing reference SP 1421 in the premises Riviera, Triq il-Brigadier J. Adye, Naxxar NXR 4433, from the year 2002 till 2016, and for penalties of late payment regarding the same in terms of Cap. 244 of the Laws of Malta and of the subsidiary legislation 545.07.

In default of payment or opposition on your part according to the aforementioned article 466, the applicant Regulator will proceed to issue executive warrants against you according to law.

With costs of this act

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

474

Permezz ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti fis-17 ta' Jannar, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3420/16, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd

By means of a decree of the 17th January, 2017 handed down by the First Hall of the Civil Court in the records of the judicial letter number 3420/2016 in the names Automated

vs Frey (Malta) Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum id-19 ta' Ottubru, 2016

Lil Frey (Malta) Ltd (C 3623) ta' Factory A49, Industrial Estate, Il-Marsa

Permess tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C 46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawkom bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas s-somma ta' €25,902.67, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżantanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' *meter* tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, *connection* and *disconnection fees*, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000268721 ossija dwar il-fond bl-indirizz A/49, Qasam Industrijali, Il-Marsa, liema ammont jammonta għal €25,902.67.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. *Di piu* ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u inti qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Revenue Management Services Ltd vs Frey (Malta) Ltd, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 19th October, 2016

To Frey (Malta) Ltd (C 3623) of Factory A49, Industrial Estate, Marsa

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A, for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €25,902.67, which amount is sure, liquid and due and respresenting the balance for the consumption of water and electricity, rent of water and electicity meter, administrative costs, connection and disconnection fees together with interest due on the Ammount according to law related to the bills holding number 101000268721 regarding the premises with address A/49, Qasam Industrijali, Marsa which amounts to €25, 902.67.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

475

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Diċembru, 2016, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2254/16, fl-ismijiet Credit Mediation Services Limited

By means of a decree of the 19th December, 2016, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2254/2016 in the names

vs Francesco Chiodo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum il-31 ta' Awwissu, 2016

Lil Francesco Chiodo (KI 62975A) ta' 9, Cartess, Flat 2, Triq Bordino, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti Credit Mediation Services Limited (C 59335) ta' Vault 14, Valletta Waterfront, Il-Furjana FRN 1914, tinfurmak li s-soċjetà Insignia Cards Limited (C 54426) formalment ċediet a favur ta' Credit Mediation Services Limited il-jedd li tiġbor il-kreditu kollu dovut lilha naxxenti mill-ftehim ffirmat bejnek u bejn l-istess Insignia Cards Limited. Fid-dawl ta' dan, inti qiegħed tiġi mgħarraf b'dan il-fatt kif rikjest mill-liġi *ai termini* tal-artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Barra minn hekk is-soċjetà mittenti tagħmel referenza għall-ammont dovut minnek ta' €2,057.08 u tinfurmak li hija għanda kull interess li tara li l-ammont dovut minnek jiġi mħallas fl-intier tiegħu.

Minkejja illi inti kont diġà interpellat aktar minn darba sabiex tħallas l-ammont dovut minnek, inti għażilt li tibqa' inadempjenti. Għaldaqstant inti qiegħed tiġi interpellat sabiex fi żmien sebat (7) ijiem minn meta tirċievi din l-ittra ġudizzjarja, inti tersaq għall-ħlas tal-ammont ta' €2,057.08 dovuti minnek. Jekk madanakollu inti tagħżel li tibqa' inadempjenti, is-soċjetà mittenti mhux se jkollha alternattiva oħra għajr li tintavola proċeduri ġudizzjarji ulterjuri fil-konfront tiegħek inkluż il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji neċessarji, u dan sabiex tkun tista' tissalvagwardja l-jeddijiet tagħha kemm fil-fatt kif ukoll fil-dritt.

Dan sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekkorribli mill-ġurnata ta' meta l-ammont sar dovut sal-ġurnata tal-pagament effettiv

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Credit Mediation Services Limited vs Francesco Chiodo, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the interpellant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 31st August, 2016

To Francesco Chiodo (ID 62975A) of 9, Cartess, Flat 2, Triq Bordino, San Pawl il-Baħar

By the present, Credit Mediation Services Limited (C 59335) of Vault 14, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1914, informs you that the company Insignia Cards Limited (C 54426) formally assigned its right to recover all of the debt due to it as arising from the agreement signed between you and Insignia Cards Limited to Credit Mediation Services Limited. In view of the above, you are being informed of this fact as requested by law in terms of article 1471 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

In addition, the interpellant company refers to the amount due by you of €2,057.08 and informs you that it has full interest to ensure that the amount due by you is paid in its entirety.

Notwithstanding the fact that you were solicited more than once to pay this amount due by you, you opted not to. Accordingly, you are being solicited so that within seven (7) days from the date that you receive this judicial letter, you pay the sum of €2,057.08 due by you. If you remain in default, the interpellant company will have no alternative but to file further judicial procedures against you including the issuing of necessary judicial proceedings including the issuance of the necessary precautionary measures and this such that it can safeguard its rights both in fact and at law.

This for your own guidance and so you may know how to proceed

With costs and legal interest which runs from the day when the amount was due till the day of effective payment

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

476

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar, 2016, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 622/14, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Alan Camilleri et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Alan Camilleri (KI 282477M) u Sharon Camilleri (KI 118978M) ta' Marray Court, Block B, Flat 5, Triq il-Magħsar, Burmarrad, fit-28 ta' Frar, 2014, HSBC Bank Malta plc (C 3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tad-19 ta' Frar, 2014, intom kontu tinsabu morużi fil-pagamenti ta' self lilkom mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri, datat l-10 ta' Jannar, 2006, fl-ammont ta' €19,544,71 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu din is-somma. Inoltre s-soċjetà esponenti tinfurmakom illi din is-somma ta' arretrati tiżdied b'€1,282.25 fix-xahar wara dik id-data.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 19th January, 2016, in the records of the judicial letter number 622/14, in the names HSBC Bank Malta plc vs Alan Camilleri et, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Alan Camilleri (ID 282477M) and Sharon Camilleri (ID 118978M) of Marray Court, Block B, Flat 5, Triq il-Magħsar, Burmarrad, on the 28th February, 2014, HSBC Bank Malta plc (C 3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta, brings to your formal notice the fact that on the 19th February, 2014, you were in delay of payment for the loan given to you in the acts of Notary Dr Tonio Spiteri dated 10th January, 2006, in the amount of €19,544.71 and so the interpellant bank solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant bank informs you also that this sum of arrears has to be added with €1,282.25 a month after that date.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to regulate yourselves

With costs

Registry of the Superior Courts today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

477

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-2 ta' Novembru, 2016, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1043/16, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Victor Schembri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Victor (KI 148177M) u Nadia (KI 606881M) mizzewġin Schembri, ta' Block B2, Flat 8, Triq il-Porzjunkula, San Pawl il-Baħar, fit-30 ta' Marzu, 2016, Bank of Valletta plc ta' 1/5 Misraħ San Ġorg, Il-Belt Valletta VLT 1190, tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu

By means of a decree of the 2nd November, 2016, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 1043/16 in the names Bank of Valletta plc vs Victor Schembri et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Victor (ID 148177M) and Nadia (ID 606881M) spouses Schembri, of Block B2, Flat 8, Triq il-Porzjunkula, San Pawl il-Baħar, on the 30th March, 2016, Bank of Valletta plc of 1/5, Misraħ San Ġorg, Valletta VLT 1190, solicits you so that within two days you pay together

flimkien u in solidum bejnietkom is-somma ta' €36,982.83 bilanċ għad-debitu fil-*Loan*, *Credit Card Loan* u *Overdraft Accounts* tagħkom mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-27 ta' Novembru, 2015, sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

and in solidum the sum of €36,982.83 balance of debt in your Loan, Credit Card Loan and Overdraft Accounts with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 27th November, 2015, till the day of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts, today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

478

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2016, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1505/16, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Krystle Marie Caruana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum it-13 ta' Mejju, 2016

Lil Krystle Marie Caruana (KI 194384M) ta' Diamond Rose, Flat 1, Triq il-Kus, Ħal Qormi

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawk bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €6,780.19, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' *meter* tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-ligi u liema ammont jikkonsisti fis-segwenti:

1. In kwantu l-kont numru 101000077959 l-ammont ta' €5,351.75 fil-fond bl-indirizz 116, Triq San Nikola, Il-Belt Valletta; u

2. In kwantu l-kont numru 1010000103324 l-ammont ta' €1,428.44 fil-fond bl-indirizz Flat 6, 177, Triq Sant'Ursla, Il-Belt Valletta

By means of a decree of the 26th October, 2016, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1505/2016 in the names Automated Revenue Management Services Ltd vs Krystle Marie Caruana, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the interpellant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 13th May, 2016

To Krystle Marie Caruana (ID 194384M) of Diamond Rose, Flat 1, Triq il-Kus, Ħal Qormi

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworned declartion marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €6,780.19, which amount is sure, liquid and due and respresenting the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electicity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, together with interest due on the ammount according to law, which ammount consists of the following:

1. Regarding the bills holding number 101000077959 for the amount of €5,351.75 for the premises 116, Triq San Nikola, Valletta; and

2. Regarding the bill holding number 101000103324 for the amount of €1,428.44 for the premises Flat 6, 177, Triq Sant'Ursla, Valletta

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. *Di piu* ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Maġistrati (Malta), illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

479

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Jannar, 2017, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3808/14, fl-ismijiet Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) għall-Kummissarju tat-Taxxi vs Joseph Portelli, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Joseph Portelli (KI 638648M) ta' 1, Sqaq fi Triq Lampat, Santa Luċija, fis-17 ta' Novembru, 2014, id-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjetà) għall-Kummissarju tat-Taxxi ta' Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €175 dovuta bħala taxxa addizzjonali u/jew imgħax skont l-Avviż ta' Talba għall-ħlas hawn unit u mmarkat Dok. C.

Billi nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. C fuq ċitat), il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottenut *ai termini* tal-Artikolu 60A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ħlas bl-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum is-17 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th Jannar, 2017, given by the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 3808/14, in the names Director (Property Tax) for the Commissioner of Revenue vs Joseph Portelli, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Joseph Portelli (ID 638648M) of 1, Sqaq fi Triq Lampat, Santa Lucia, on the 17th November, 2014, the Director (Property Tax) for Commissioner of Revenue of Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, calls upon you so that within two days you pay the sum of €175 due as additional tax and/or interest according to the Notice of a Claim for Payment here attached and marked Doc. C.

As you failed to pay the amount due by you although a claim for payment was made (see the same Doc. C above mentioned) the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due in the time given, the interpellant shall proceed for the execution of the title obtained in terms of Article 60A of the Act of Tax on Documents and Transfers (Cap. 364 of the Laws of Malta).

Pay also the costs of this act

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 17th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

480

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Frar, 2017, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GO plc (C 22334) ta' Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentaw Talba, fis-26 ta' Ottubru, 2016, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Greta Grassi (KI 0069635A) ta' St Joseph, Flat 1, Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,086.97, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż Numru 482/16AM) hija differita għall-24 ta' Marzu, 2017, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum l-20 ta' Marzu, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 20th February, 2017, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GO plc (C 22334) of Triq Fra Diego, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 26th October, 2016 whereby they asked the Tribunal to condemn Greta Grassi (ID 0069635A) of St Joseph, Flat 1, Triq Sant'Antnin, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of €1,086.97, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim Number 482/16AM) is deferred on the 24th March, 2017, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 20th March, 2017

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

481

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Ottubru, 2016, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd (C343) vs Euro Imports Limited (C 26684), Rikors numru 34/04, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà appellanti Euro Imports Ltd, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tas-soċjetà appellata Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd, ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) Rikors Numru 34/2004/1 fl-ismijiet Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd (C 343) vs Euro Imports Limited (C 26684) fis-6 ta' Mejju, 2016, is-soċjetà appellata Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd, esponiet bir-rispett illi,

B'effett mill-4 ta' Mejju, 2016, is-soċjetà Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd (C 343) biddlet isimha għal 'MMGH Ltd' u dan kif jidher miċ-ċertifikat anness u mmarkat bħala 'Dok. MI'.

Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tieħu konjizzjoni ta' din il-bidla u tordna li din il-bidla tiġi riflessa fl-okkju u fl-atti kollha sussegwenti fil-kawża bl-ismijiet premessi.

Qorti tal-Appell
S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri, LLD

By means of a decree given, by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on the 18th October, 2016, in the records of the Sworn Application in the names Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd (C 343) vs Euro Imports Limited (C 26684) Application number 34/04, the following publication was ordered for the purpose of service of the appellant company Euro Imports Ltd, in terms of Articlr 187(3) et seq. of Cap. 12.

By means of an Application of the respondent company Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd, filed, in the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) Application Number 34/2004/1, in the names Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd (C 343) vs Euro Imports Limiterd (C 26684) on the 6th May, 2016, the respondent company Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd, respectfully pleaded that,

With effect from 4 th of May, 2016, the company Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd (C 343) changed its name to 'MMGH Ltd' and this as appears from the certificate annexed and marked as 'Doc. MI'.

Thus, the applicant company respectfully prays that this Honourable Court take cognizance of this change and order that this change be reflected in the heading and all the subsequents records of the cause in the names premised.

Court of Appeal
His Honour the Chief Justice Silvio Camilleri, LLD

L-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, LLD
L-Onor. Imħallef Noel Cuschieri, LLD

Rikors Numru 34/04
Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd

vs

Euro Imports Ltd

Il-Qorti,
Rat ir-rikors,
Tordna n-notifika tiegħu b'ġimgħa żmien għar-risposta

Illum it-23 ta' Awwissu, 2016

Notifika: Euro Imports Ltd, 'The Avetas', Triq Ħabb il-Qamħ, Tal-Ibraġ

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) (Sede Superjuri), illum l-20 ta' Marzu, 2017

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Hon. Mr. Justice Giannino Caruana Demajo, LLD
Hon. Mr. Justice Noel Cuschieri, LLD

Application Number 34/04
Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd.

vs

Euro Imports Ltd

The Court,
Saw the application,
Orders that it be notified with a week for a reply to be filed

Today 23rd August, 2016

Service: Euro Imports Ltd, 'The Avetas', Triq Ħabb il-Qamħ, Tal-Ibraġ

Reġistry of the Superior Courts (Appeals) (Superior Jurisdiction), today 20th March, 2017

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

482

AVVIŻ MIR-REĠISTRU TAL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi Kaewkarn sive Ranyalak Gatt (KI 0053658A) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 233/2017/LSO) fejn ġiet mitluba l-Korrezzjoni fl-Att tat-Twelid Numru 5595/2016 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-20 ta' Marzu, 2017

JOSETTE DEMICOLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE BY THE REGISTRY OF THE CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas Kaewkarn sive Ranyalak Gatt (ID 0053658A) filed an application under oath (No. 233/2017/LSO) demanding Correction in the Act of Birth Number 5595/2016 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court

Registry of the Superior Court, today 20th March, 2017

JOSETTE DEMICOLI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*